# IL-KNISJA TA' SAN FRANĠISK TA' PAOLA FIX-XATT TA' KORDIN

*Kitba ta' Joseph R. Gatt*

Din il-Knisja kienet tinsab fuq ix-xatt ta' Kordin, tħares lejn l-Isla. Ġiet mibnija fi żmien il-Gran Mastru Emm. Pinto (1741-1773) mill-Balliju Francesco De Sousa, li aktarx kien imsemmi għal San Franġisk ta' Paola. Kienet inbniet fuq art tiegħu u tlestiet fl-1747. Ma' ġenbha kien bena wkoll villa bi ġnien żgħir. Ġiet imbierka mill-Gran Prijur ta' l-Ordni ta' San Ġwann, il-Mons. Bartolomeo Rull (1738-1758), li wara sar Isqof ta' Malta. Sena wara l-Balliju De Sousa għaddiha lill-Ordni ta' San Ġwann. Dik id-daħla tal-baħar ta' bejn Għajn Dwieli u Kordin saret magħrufa 'Il-Port ta' San Franġisk ta' Paola'.

Kienet knisja ħelwa b'arkitettura sabiħa, mibnija fi stil barokk li kien jintuża ħafna dak iż-żmien fil-bini tal-knejjes. Kellha kampnar fuq kull ġenb tagħha u koppla żgħira. Fuq il-bieb kien hemm minquxa s-sena 'MDCCXLVII' (1747), is-sena ta' meta nbniet.

Fuq l-altar, li aktarx kien l-uniku wieħed li kellha, ken hemm kwadru ta' San Franġisk ta' Paola. De Sousa għammarha bil-ħwejjeġ kollha meħtieġa għaliha u saħansitra l-istemma tiegħu kienet irrakkmata fuq l-ilbies liturġiku tal-Knisja. Ħa ħsieb ukoll għall-qniepen tagħha. E.B. Vella (1899-1946) fil-ktieb tiegħu 'Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid - 1932', jgħid li minn kopja ta' pjanta tagħha miżmuma mill-Kav. G. Darmanin Demajo P.L., il-knisja kellha faċċata ta' 25 pied tul u l-fond kien 34 pied, barra minn zuntier li kellha quddiemha. Jgħid ukoll li fil-Mużew tal-Belt kien hemm kwadru, akkwarell, tagħha.

## IL-BALLIJU FRANCESCO DE SOUSA

Il-Balliju De Sousa kien it-tifel ta' oħt il-Gran Mastru Ant. E. De Vilhena (1722-1736) u kien tal-Lingwa ta' Aragona. Twieled fl-1682. Bħall-Gran Mastru ta' qablu, Vilhena kien ħatar bosta kavallieri tar-rank 'Grand Kruċ' (Grande Croce ad honorem), fosthom lin-neputi tiegħu Francesco f'Awissu 1730. Dan il-Gran Mastru, zijuh, kien ħallielu, man-neputijiet l-oħra u dawk li kienu qrib tiegħu, xi legati. Kien għażlu wkoll bħala esekutur testamentarju tiegħu. Vilhena kien miet f'Diċembru 1736 wara aktar minn erbatax-il sena bħala Gran Mastru. Ta' min ifakkar li Vilhena kien benefattur kbir tal-Monasteru u l-knisja ta' Santa Margerita (1730) f'Bormla. F'dik l-istess sena kien żar il-post u wara mewtu kien ħalla bosta legati lil dan il-Monasteru.

Il-Balliju Francesco ma damx igawdi l-villa u l-knisja li bena, għax miet fid-9 ta' Awissu 1756, ta' 74 sena. Bħala membru ta' l-Ordni ġie midfun fil-Kon Katidral ta' San Ġwann. Lapida ta' tifkira tiegħu tinsab fil-korsija, it-tielet waħda quddiem il-pulptu.



*Lapida tal-Balliju Francesco de Sousa fil-Kon-Katidral, Valletta.*

## SAN FRANĠISK TA' PAOLA

San Franġisk ta' Paola (1416-1507) kien il-Fundatur ta' l-Ordni tal-Minimi, li taf il-bidu tagħha sa mis-sena 1436. Twieled minn familja fqira, f'Paola, raħal fil-Kalabrija, Italja. Kien l-uniku wild tal-familja li twieled wara ħafna snin ta' talb lil Alla bl-interċessjoni ta' Franġisk ta' Assisi li taw isem dan il-qaddis lit-tarbija tagħhom.

Ta' eta żgħira daħħluh fil-Monasteru Franġiskan ta' San Mark f'Argentano. Sena wara, fl-1430, mar mal-ġenituri tiegħu pellegrinaġġ Assisi, Porzunkla u Ruma.

Meta ġie lura f'Paola beda jgħix bħala eremita u ftit wara ingħaqdu oħrajn miegħu. Dawn bdew jissejħu Eremiti ta' San Franġisk t'Assisi, bl-isem 'Minimi' (l-iċken fost iż-żgħar). Ħadu l-voti perpetwi tal-faqar, kastità u ubbidjenza. Magħhom żiedu dawk tas-sawm u astinenza perpetwa, talb u għajnuna lill-proxxmu. Il-motto tagħhom kien 'CHARITAS'. San Franġisk kien jagħmel bosta mirakli ta' fejqan. Fl-1464 qasam il-baħar għal Sqallija fuq il-mantar tiegħu.

Kien fetaħ bosta monasteri u l-Papa Sistu IV (1471-1484) ħatru Superjur Ġenerali Perpetwu ta' l-Ordni li waqqaf, b'San Mikiel Arkanġlu tagħhom. Ir-Regola li kiteb għall-Ordni tiegħu ġiet approvata mill-Papa Ġulju II fl-1506.

Fl-1483 mar Franza jkompli l-appostolat tiegħu. Bl-għajnuna tar-Re Carlo VIII waqqaf diversi monasteri f'dan il-pajjiż. Miet fil-Ġimgħa l-Kbira, 2 ta' April ta' l-1507 ta' 91 sena. Difnuh f'Tours fejn għad hemm il-fdalijiet tiegħu. Ħamsin sena wara mewtu, l-Ugonotti (Protestanti Franċiżi) ipprofanaw il-knisja u ħarqu l-fdalijiet tiegħu. Xi nsara salvaw xi wħud minnhom u r-relikwi tiegħu jinsabu f'Tours, Nigeon, Pariġi, Madrid, Napli, Paola u Malta.

Il-beatifikazzjoni tiegħu bdiet fl-1512 u l-Papa Ljun X (1513-1521) iddikjarah qaddis u Konfessur fl-1519. Il-Knisja tagħmel il-festa liturġika tiegħu fit-2 ta' April.

## IL-QIMA TIEGĦU F'MALTA

Il-qima lejh insibuha f'bosta bliet ta' l-Ewropa, speċjalment fl-Italja u Franza. Il-kult lejn dan il-qaddis daħħluh f'Malta l-Kavallieri li kienu jagħmlulu festa u kellhom ukoll relikwa tiegħu f'San Ġwann, il-Belt.

Tajjeb li hawn insemmi biss xi wħud mill-knejjes, altari, kwadri u statwi tiegħu f'Malta.

Il-Knisja ta' Santa Luċija, il-Belt, taf il-bidu tagħha lil knisja oħra ddedikata lil San Franġisk ta' Paola mibnija fl-1570. Il-knisja ta' Santa Luċija żammet wieħed mill-altari tagħha tal-ġnub iddedikat lil dan il-qaddis. Il-kwadru tiegħu juri lil San Franġisk ta' Paola jaqsam il-baħar għal Sqallija fuq il-mantar tiegħu. L-Isqof Paolo de Bussan (1728-1757) waqqaf f'din il-knisja l-Kongregazzjoni tal-'Minimi' ta' San Franġisk ta' Paola, fl-1740. Żewġ lapidi żgħar ifakkru t-twaqqif tagħha "Ista Minima Sodalitas Fuit / Erecta Incepta Perfecta Anno 1740". F'din il-Knisja nsibu r-reġistri oriġinali bl-ismijiet tal-imseħbin fiha; Relikwa u Statwa tal-qaddis.

F'Ħal Qormi għandna knisja oħra (1707), ġuspatronat tal-familja Casha Cuschieri; b'żewġ altari; il-maġġur bit-titular tal-qaddis.

Fir-Rabat fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, altar u kwadru antik ħafna sew li b'xorti ħażina ma nafux x'sar minnu meta nbidel ma' dak ta' San Ġużepp. Fl-Isla hemm altar u kwadru u anke kien hemm statwa antika. Kwadru ieħor qadim ħafna li sar qrib is-sena 1602 jinsab fis-sagristija ta' l-istess knisja. Kwadru u altar ieħor narawhom fil-Parroċċa ta' Ħal Kirkop; fil-kwadru naraw il-Madonna tal-Grazzja b'San Franġisk ta' Paola f'riġlejha. Hemm ukoll altar u kwadru ieħor fil-knisja parrokkjali tan-Nadur, Għawdex.

Fl-1670, il-Ġeneral tal-Galeri, Fra Francesco Carafa għamel kwadru ta' dan il-qaddis għall-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, il-Birgu. Il-baħħara tal-galeri kienu jużaw din il-knisja għall-qadi tad-dmirijiet reliġjużi tagħhom. Ta' min ifakkar li San Franġisk ta' Paola kien Patrun tal-baħħara.

Fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina naraw kwadru tiegħu, xogħol il-pittur Francesco Zahra (1710-1773). Fil-Parroċċa tal-Furjana nsibu ieħor u żewġ kwadri oħra narawhom esibiti fil-Mużew tal-Kapuċċini tal-Furjana.

Fil-pittura ġeneralment narawh liebes iċ-ċoqqa kannella bil-kapoċċ fuq rasu, f'idu l-bastun u l-

kuruna, bil-baffi twila, b'għajnejh lejn id-dehra tal-kelma 'CHARITAS'.

Żewġ statwi, maħduma fil-ġebla Maltija niltaqgħu magħhom fil-Belt Valletta. Waħda fi Triq il-Lvant kantuniera ma' Triq Santa Luċija u oħra fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq San Nikola.




## IL-KNISJA RESTAWRATA

Fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi (1798-1800) il-knisja li kienet bejn il-Kanuni tal-Maltin fuq Kordin u dawk tal-Franċiżi ta' fuq is-swar ta' Bormla u l-Isla, ġarrbet ħafna ħsarat mill-isparar. Wara l-knisja ġiet mitluqa għal kollox.

Wara li l-Franċiżi tkeċċew minn Malta kien hemm min reġa' ħa ħsieb jirranġaha. Wieħed qassis Malti, Dun Franġisk Seichel, imqanqal mid-devozzjoni lejn dan il-qaddis ħa ħsieb jerġa' jwaqqafha kif kienet qabel. Ġabar il-flus, kiseb l-approvazzjoni ta' l-Isqof Ferdinando Mattei (1807-1829) u l-knisja ġiet restawrata. Ix-xogħol tlesta fl-1814 kif kienet tfakkar il-kitba bil-Latin li kien hemm f'lapida ta' rħam imqiegħda ma' l-altar, li bil-Malti tgħid: "Din il-knisja ddedikata lil San Franġisk ta' Paola Protettur ta' għajnuna kbira / Ġiet imġarrfa u mitluqa fi żmien il-gwerra / Dun Franġisk Seichel, Qassis Malti / Wara li ġabar il-flus mingħand il-poplu / Ħa ħsieb biex tkun restawrata u mkabbra fil-ġmiel tagħha / Wara li ġabilha mill-ġdid l-oġġetti sagri minn fejn kienu / u kisbilha d-drittijiet li kellha / kesa l-art ta' madwar l-altar bi rħam / B'hekk taħt il-Patroċinju ta' Fra Ferdinando Mattei / Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta / Ġiet imbierka solennement u miftuħa / Għall-qima tal-poplu fl-1814.

## FIS-SEKLU L-IEĦOR

Fil-bidu tas-seklu l-ieħor il-knisja u l-villa għaddew taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof. Għalkemm kienet barra mis-swar ta' Bormla l-knisja kienet tagħmel mal-Parroċċa ta' Bormla, kif ġa kienu wkoll iċ-Ċimiterju tal-Pesta 1675/1676 li kellha l-Parroċċa ta' l-Isla u xi nħawi oħra taħt Kordin u f'Għajn Dwieli.

Għall-ħabta ta' nofs l-istess seklu, l-awtoritajiet Ingliżi ħadu bi ħlas ix-Xatt ta' San Franġisk u l-inħawi ta' mad-dawra magħrufa bħala 'Wara l-Isla'. Ftit ftit naqqru minn dan il-post il-ħwienet tax-xogħol, l-imħażen, l-iskallijiet li kellhom Angelo Busuttil, Lorenzo German, Gregorio Mirabitur, Salv. Debono, Bonnici, Grech u oħrajn.

Ħadu wkoll iċ-ċimiterji sakemm fl-aħħar l-Ammiraljat fi ftit aktar minn 50 sena, bena l-baċiri u t-tarzna tiegħu fid-daħla kollha ta' bejn l-Isla u Kordin. Il-ħwienet tal-Maltin għall-bini u t-tiswija tal-bastimenti merkantili u l-braken spiċċaw minn posthom u nbnew oħrajn fil-Marsa.

Il-knisja u l-villa spiċċaw f'idejn l-Ammiraljat. Għall-ewwel bdew jintużaw bħala maħżen u uffiċċju, sakemm fl-aħħar tħattew (1901c) biex flokhom bnew il-'Works Department Building.

Biex saru dawn il-baċiri ħattew parti mis-Swar ta' Għajn Dwieli (Bieb San Pawl), Valperga, San Franġisk ta' Paola, San Ġwann ta' Għuxa (Almonier) u swar oħra fl-Isla, u Bieb Bormla. Għalqu t-Triq ta' Għajn Dwieli u bnew oħra minflokha li tagħti dritt għall-mina maqtugħa fil-blat tas-Sur biex tidħol f'Bormla.

## IL-KNISJA PROFANATA

Meta l-knisja ġiet ipprofanata biex isiru l-baċiri, xi oġġetti tal-knisja ġew trasferiti għall-Knisja

Parrokkjali ta' Bormla, fosthom il-qniepen, il-paramenti sagri u lampier tal-fidda. Il-qniepen ġew addattati għall-arloġġ tal-knisja. Il-lampier jitqiegħed quddiem l-altar ta' San Dimitri fil-jiem tal-festa, waqt li l-paramenti (pjaneta u żewġ tuniċelli) jkunu għall-wiri ma' oħrajn fis-sagristija fl-istess jiem.

Jingħad li l-Parroċċa ta' l-Isla ngħatat Kurċifiss ta' l-ebanu. Sa issa ma rnexxielix inkun naf x'sar mill-kwadru titulari.

## GHELUQ

Għalkemm il-knisja ta' San Franġisk ta' Paola ma għadhiex teżisti, it-tokki tal-qniepen ta' l-arloġġ tal-knisja tagħna mhux biss iħabbru l-ħin imma jfakkru wkoll li dawn il-qniepen kienu nġiebu mill-knisja li kien bena l-Balliju Francesco De Sousa mitejn u wieħed u ħamsin sena ilu.



*Waħda mill-qniepen ta' l-arloġġ li qabel kienu fil-knisja ta' San Franġisk.*


**BIBLJOGRAFIJA**

i. Abela Ciantar - Malta Illustrata - Malta 1772-80.
ii. Azzopardi J. Editur - Francesco Zahra 1710-1773. Malta 1986.
iii. Bonnici A. - L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika etc. Vol III. 1991.
iv. Bonnici A. - In-Nadur - Ġrajjiet Kolleggjata u Bażilika. Vol II. 1988.
v. Bonnici J. & Cassar M. - The Malta Grand Harbour and its Dockyard. 1994.
vi. Butler A. - Lives of the Saints. 1961.
vii. Castagna P.P. - L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha. Malta 1888. It-Tieni Darba.
viii. Ellul Galea K. - L-Istorja tat-Tarzna. 1973.
ix. Faurè G. - L-Istorja ta' Malta u Għawdex. 1914.
x. Ferris A. - Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo. 1866.
xi. Ferris A. - Memorie dell'Inclito Ordine Gerosolimitano. 1881.
xii. Schiavone J. & Scerri L. Edituri - Biographies of the 20th Century. 1997.
xiii. Vella E.B. - Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid (Paola). 1932.



Darts, Soccer, Athletics, Rugby, Basketball, Sports Wear & Team Kits.




POWER SPORT




HIGH STREET,
HAMRUN.
*(Near Blata l-Bajda)*
**Tel: 233190**

**AGENTS FOR PONY & YORK SPORTS WEAR**

Sport Posaters, Weights, Exercise Machines, Sporting Aids & Accessories.